12:59
L-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2015
Follow us
Google™ Custom Search

iNEWS MALTA


Indulge your taste buds with a sublime 3 course dinner at Leonardo da Vinci
Price: €16 - Your save 50% Read more here »
DealToday Good Morning Malta



Rent out your property for free
Largest online network in Malta
HomeFinder.com.mt »

L-aħħar aħbarijiet

12:26 Nar f'dar u garaxx ...
11:34 Anzjani jitħarrġu f'ħiliet ...
11:26 Il-President se tindirizza ...
10:42 Simon Busuttil fi Brussell ...
10:34 Persuni interrogati dwar ...
10:25 Ġuri wieqaf sakemm l-AĠ ...

Popolari


Nuqqas ta' rispett lejn ...

Libes kappell u nuċċali ...

'Mewġa ta' nies tiċċaqlaq ...

Bil-filmat: Mewġ qawwi ...

Protesta oħra ...

Raġel ibikki lill-membri ...

# Ġimgħa ta' kuxjenza dwar il-bżonn li jonqos it-traffiku

13:19 | 28.08.2014



"Our Street, Our Choice" hija t-tema tal-ġimgħa Ewropea dwar il-mobilità urbana, li se tkun iċċelebrata mis-16 sat-22 ta' Settembru.

Dettalji dwar din il-ġimgħa ngħataw dalgħodu f'konferenza tal-aħbarijiet mill-Ministri Leo Brincat. Joe Mizzi u Anton Refalo u mis-Segretarji Parlamentari Michael Falzon u Sefan Buontempo.

Huma qalu li din il-ġimgħa hija maħsuba biex tqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa li tonqos il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq permezz ta' użu akbar tat-trasport pubbliku, sewqan tar-rota, trasport bil-baħar u mezzi oħra li jnaqqsu l-konġestjoni.

Il-kelliema saħqu li dan iwassal għal titjib fil-kwalità tal-arja u tnaqqis fit-tniġġis tal-ħsejjes ikkawżat mit-traffiku. Fl-istess waqt, dawn l-attivitajiet huma maħsuba wkoll biex jinkoraġġixxu użu usa' ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli.

Żiedu jgħidu li din ir-rappreżentanza tal-Gvern hija xhieda tal-fatt li l-Gvern preżenti qed jaħdem qatigħ biex ikollna ambjent sostenibbli u ta' kwalità kif jixraq lill-pajjiż.

Huma ħeġġew lill-kunsilli lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u għaqdiet konċernati biex jieħdu dawn l-inizjattivi bis-serjetà ħalli jkollna ambjent li jattira aktar lill-pubbliku Malti u lit-turisti.

Peter Paul Barbara, il-kordinatur nazzjonali tal-ġimgħa Ewropea dwar il-mobilità urbana, qal li billi fit-22 ta' Settembru jerġgħu jiftħu l-iskejjel, biex jiġu evitati problemi relatati mat-traffiku se tingħalaq triq waħda biex il-pubbliku jkun imħeġġeġ juża aktar trasport li ma jniġġisx.

L-attivitajiet ta' din il-ġimgħa jibdew fil-5pm fis-16 ta' Settembru, quddiem il-parkeġġ tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca, se tindirizza lill-parteċipanti fi Pjazza San Ġorġ fis-6.45pm.

Il-parteċipanti se jintalbu għotja ta' €10 b'risq il-Malta Community Chest Fund.

**Ritratt: Roger Azzopardi**

1

## Ikkummenta

**Mario bonnici** Thu 28-Aug-2014, 13:52
nahseb li wasal iz -zmien ili il muturi inrohsulom il licenzja u natuom izjed drittijiet biex ikunu iktar siguri.

Ikkuntattjana | Reklami | Drittijiet | Privatezza | Ir-regoli tad-diskussjoni | Developed by ICT Systems Engineering